MALTA

# BORD LI JIRREGOLA L-KERA

**MAGISTRAT DR.**
**GIOVANNI GRIXTI**

Seduta tal-25 ta' April, 2013

Rikors Numru. 27/2013

**Michele Peresso Limited**

**vs**

**Georgina Schembri**

Il-Bord;

Ra r-rikors guramentat li jghid hekk:

1. Illi s-socjeta' rikorrenti tikri lill-intimata l-fond 5, Triq Sta. Monika Paola;

2. Illi l-intimata hija moruza fil-pagamenti tal-kera riferibbilment ghal bilanc tal-iskadenza tal-2010, u kif ukoll il-hlas shih ghas-snin 2011 u 2012;

3. Illi l-esponenti interpellat diversi drabi lill-intimata ghall-pagament fosthom permezz ta' ittri datati 13 t'April 2012 (kopja annessa u mmarkata Dok A), 18 ta'

Lulju 2012 (kopja annessa u mmarkata Dok B) u kif ukoll ittra ufficjali tas-7 ta’ Dicembru 2012 (kopja legali annessa u mmarkata Dok C);

4. Illi ciononostante l-intimata baqghet inadempjenti;

5. Illi l-esponenti jikkonferma illi jaf bil-fatti suesposti personalment u li safejn jaf hu, l-intimati ma ghandhomx difiza xi jressqu;

Ghaldaqstant tghid l-intimata ghaliex dan il-Bord m’ghadnux, prevja kwlaunkwe dikjarazzjoni necessarja u opportuna:

1. Jiddeciedi l-kawza bid-dispensa tas-smiegh a tenur tal-artikolu a tenur tal-Artikolu 16A tal-Kapitolu 69 tal-Ligijiet ta’ Malta;

2. Jawtorizza lir-rikorrenti tirriprendi l-pussess tal-fond 5, Triq Sta. Monika Paola;

3. Jordna l-konsegwenzjali zgumbrament tal-intimata mill-imsemmi fond, u dama fi zmien qasir u perentorju li joghgbu jistabilixxi dan il-Bord, liema talba qeghda ssir in forza tal-artikolu 9(a) (1) tal-Kap 69 tal-Ligijiet ta’ Malta u minghajr pregudizzju ghad-dritt tas-socjeta’ rikorrenti ghall-arretrati kollha dovuti;

Bl-ispejjez u bl-interessi skond il-ligi, u b’riserva ghal kwalsiasi dritt ulterjuri spettanti lir-rikorrenti kontra l-intimata, li issa minn issa ingunta ghas-subizzjoni;

Rat l-atti tar-rikors;

Ikkunsidrat:

Illi din hija kawza proposta mir-rikorrenti sid ta’ fond mikri lill-intimata b’talba ghar-ripreza tal-fond sussegwenti morozita fil-hlas tal-kera fit-termini tal-artikolu 9(a) tal-Kap 69 tal-Ligijiet ta’ Malta. Is-Socjeta’ rikorrenti adoperat il-

procedura specjali kif ravvizata fl-artikolu 16A tal-istess Kap ta’ Ligijiet;

L-intimata kienet notifikata l-ewwel bir-rikors promutur u wara dan bl-avviz ghas-smiegh tal-kawza fejn kien indikata b’mod car illi fin-nuqqas illi tidher fil-jum u hin ordnat, tista’ tinghata sentenza fl-ewwel dehra;

Illi ezaminati l-atti, inkluz l-affidavit ta’ Emmanuel Peresso, direttur tas-socjeta’ rikorrenti, jemergi illi l-intimata hija moruza fil-hlas ta’ diversi skadenzi ta’ kera.  Il-Bord ma kellux l-opportunita’ jisma x’setgha kellha xi tghid l-intimata sabiex tiggustifika n-nuqqas taghha biex b’hekk tevita l-estremi tal-izgomberu;

Ghalhekk it-talbiet tas-socjeta’ rikorrenti jimmeritaw li jkunu milqugha;

Ghal dawn il-motivi, l-Bord qed jilqa’ t-talbiet tas-socjeta’ rikorrenti bid-dispensa tas-smiegh fit-termini tal-artikou 16A tal-Kap 69 .  Ghal fini ta’ zgumbrament, il-Bord qed jipprefigi zmien sittin (60) jum mil-lum.

L-ispejjez ghandhom ikunu sopportata mill-intimata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------